**FIL-QORTI TA'L-MAGISTRATI (MALTA')**
**BHALA QORTI TA GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DOTTOR CONSUELO SCERRI HERRERA LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 1512/2007**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**CHARMAINE BORG**

**Illum 29 ta Mejju, 2018**

**Il-Qorti**

Rat illi l-imputata **CHARMAINE BORG** bint Raymond Sciberras u Anne nee Checuti ta' sitta u ghoxrin sena mwielda Pieta' nhar l-1 ta' Mejju 1981, residenti f'44 Flat 1, Triq il-Preistorja, Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Bahar u detentrici ta' karta ta' identita' numru 223681(M) giet imresqa il-Qorti akkuzata talli:-

1. F'dawn il-gzejjer f'Marzu 2007 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzjoni wahda, approprjat ruhha billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuni ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li ggib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe hadet u zammet ghandha flus, proprjeta' ta' The Guard & warden House Limited liema flus

jeccedu l-mitt lira Maltin (LM100) izda inqas minn elf lira Maltin (LM1,000) u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilha minhabba l-professjoni, industija, kummerc, amministrazzjoni kariga jew servizz taghha.

2. Talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku impjegata mal-kunsill lokali ta' San Pawl il-Bahar, ghal xi vantagg privat taghha ghamlet uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli atti jew hwejjeg mobbli illi gew fdatai lilha minhabba l-kariga jew impieg taghha jew serqithom u cioe' l-ammont ta flus li jeccedu l-mitt lira Maltin (LM100) izda inqas minn elf lira Maltin (LM1,000).

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda prodotta' mill-Prosekuzzjoni.

Illi nhar it-13 ta' Gunju 2008 xehed l-allura **Spettur Angelo Gafa** fejn stqarr li l-pulizija kienet irceviet rapport mis-Sindku ta' Pawl il-Bahar fejn kien irraporta lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir investigazzjoni dwar diskrepanzi ta' fondi li kienu gew migbura mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u dan dwar servizzi ta' Gwardjani Lokali fil-lokalita. Fil-fatt fis-6 ta' Awwissu 2007 is-Sindku, Paul Bugeja flimkien mas-segretarja esekuttiva Maryrose Camilleri kienu spjegawlu li f'Gunju ta' dik l-istess sena 2007 is-sinjorina Camilleri kienet gabet xi cekkijiet li kien ircevhom il-kunsill f'isem The Guard and Warden House Limited ghal servizzi ta' Gwardjan Lokali fil-lokalita. Fil-fatt dawn ic-cekkijiet kienu instabu fil-kexxun ta' l-iskrivana Charmaine Borg li kienet dak iz-zmien impjegata mal-Kunsill ta' San Pawl il-Bahar u dawn kienu jirrigwardjaw permessi ghal xoghol f'Novembru 2006 sa Jannar 2007.

Meta l-pulizija kienet tkelmet ma l-imputata din spjegat illi dawn ic-cekkijiet kienu gew ritornati lura mil-Bank u kienet fil-process li terga' tiddepozitahom. Sa dan it-tant is-segretarju esekuttiv spjega li fil-fatt kienet ghal xi enquiries ma The Guard and Warden House Limited fejn dawn spjegawlu li certu pagamenti li kien ircieva il-Kunsill qatt ma gew depozitati fil-kont bankarju ta' din l-istess istituzzjoni The Guard and Warden House Limited.

L-ikbar somma li kien hemm kienet fl-ammont ta' LM480.80 li kienu dahlu fix-xhur ta' bejn Jannar u Frar 2007. Spjega li The Guard and Warden House Limited tkun taf li dawn il-flus dahlu minghand il-Kunsill ghaliex meta issir talba minghand il-Kunsill sabiex dawn jipprovdu servizz ta' Gwardjan lokali f'lokalitajiet bhal per ezempju waqt li qed isir xoghol ta' kostruzzjoni dan naturalment ikun irid isir il-pagament minn qabel ma jintalab is-servizz taghhom u allura jkun hemm formula fejn ikun hemm indikat li l-pagament li ghandu jidhol.

Fil-fatt spjega illi fil-fatt ir-rapport mar ghand il-Kummissarju tal-Pulizija u kien twaqqaf bord ta' inkjesta mill-Kunsill Lokali li kien kompost minn vici-sindku John Bray u l-kunsilliera Mario Camilleri u Raymond Tabone pero' din is-sitwazzjoni baqghet kif kienet u wara li dawn ikkomunikaw mad-dipartiment tal-gvern lokali is-sindku ta' San Pawl il-Bahar kien gie mitlub sabiex jirreferi l-kwistjoni lill-Kummissajru tal-Pulizija. Huwa sab li sa dak iz-zmien kien ghadu ma sar l-ebda ezercizzju ta' auditing tal-Kunsill sabiex jispecifikaw l-ammont bejn wiehed u iehor ta' dan l-allegat approprjazzjoni indebita u kif dan kellu isir.

Jghid li kien ghamel numru ta' laqghat mal-Kunsill Lokali u dan l-ezercizzju kien gie konkluz fis-16 ta' Settembru 2007 fejn dan kien ikkonkluda li kien hemm madwar disa' mitt lira Maltin (LM900) li kienu ghadhom pendenti bejn il-Kunsill Lokali u The Guard and Warden House Limited, minkejja li f'kull kaz il-Kunsill ikun ircieva dawn il-pagamenti rispettivi. Huwa kien ra dan l-ezercizzju u ra anke d-dokumenti li kienu qed jibbakjaw dan l-istess ezercizzju. Ikkonferma li l-flus kienu dahlu ghand il-Kunsill Lokali u dawn qatt ma gew mghoddija lil The Guard and Warden House Limited. Jikkonferma li dan l-ezercizzju

wera li dawn id-diskrepanzi kienu fil-perijodu meta l-imputata kienet in charge li tigbor dawn il-fondi u minn taghhom peress li dawn huma job sheets, il-job sheets huma l-formoli li jintlew meta jintalab dan is-servizz u dawn ma kienu jindikaw l-ebda metodu ta' hlas, dak li jindika jekk hux cash jew cheque u ghalhekk kienu ghamlu ezercizzju sabiex jaraw minn x'hiex jistghu *jitrejsjaw* fejn setghu marru c-cheques. Dan ghaliex il-kumpanija tal-Gwardjani Lokali tikkonferma li ma kienitx irceviet dawn il-flejjes waqt li l-Kunsill Lokali ghandu konferma li dawn gew ircevuti u huma xtaqu li forsi *jitrejsjaw* fejn setghu marru.

Qal li fil-fatt irrizultalhom li l-maggor parti tal-hlasijiet li saru kienu flus kontanti u fir-rigward ta' ftit cekkijiet li kienu gew prezentati lil Kunsill, dawn sabu li qatt ma gew imsarfa minkejja li kien qabez is-sittt xhur terminu sabiex ic-cekkijiet jigu imsarfa. Ghalhekk jghid li min naha tieghu sabu fejn kien hemm ic-cekkijiet li ma gewx imsarfa izda kienu fil minorita', kienu ftit kazijiet minkejja li qabzu is-sitt xhur filwaqt li l-kumplament kienu kollha *cash payments*. Naturalment fejn hemm cash payments ma jistghux isibu *trace* taghhom.

Jispjega li min naha taghhom kienu ukoll ghamlu ezercizzju mal-banek sabiex forsi isib jekk dahlux xi depositi irregolari fil-kontijiet bankarji tal-imputata Charmaine Borg pero' anke dan irrizulta fin-negattiv. Huwa kien interroga lil Charmaine Borg u gharafha fl-awla bhala l-imputata u dan fi tlett okkazjonijiet differenti u dan ghal fatt li kull darba l-Kunsill Lokali kien jaghtihom informazzjoni gdida. Qal li huwa kien rrilaxxjaha fuq police bail u f'kull okkazjoni hija nnegat li qatt ghamlet xi tip ta' *approprjazzjoni indebita* u cioe' li gabret flus f'isem The Guard and Warden House Limited u hadithom f'butha.

Ghal dak li jirrigwardja l-ewwel stqarrija rilaxxjata nhar it-12 ta' Awwissu 2007, l-imputata fil-fatt kienet qalet li hi flimkien ma certu Sandra Grech li ukoll kienet clerk u jimmagina li ghadha tahdem fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u kif ukoll diversi apprentisti ta' l-ETC kienu pprocessaw dawn il-permessi tal-Gwardjani Lokali. Spjegat li dawn il-flejjes li kienet tigbor ghal dawn il-permessi fil-fatt kienu jinzammu go kaxxa ghal tal-apposta anke

ghal perijodu ta' tlett gimghat u wara dan kienet tikkompila lista ta' dawn il-pagamenti li kienu jingabru f'dawn it-tlett gimghat kienet tqabbel l-ammonti mal-*job sheets*, l-ammonti indikati fil-*job sheets* dejjem qablu ma l-ammont ta' flus li kienet tpoggi f'din il-kaxxa. Dan kienet tghamlu kif qalet hi f'perijodu ta' tlett gimghat u ghaldaqstant kellhom *reconciliation* dejjem bejn l-ammonti u l-*job sheets*.

Spjegatlu ukoll li wara li kienet taccerta ruhha li kien ikun hemm qbil u cioe' bejn il-lista u l-flus hija kienet tpoggi l-flus f'envelope, u fuqu kienet tindika car il-kontenut u dan kien imbaghad jinzamm go safe tal-Kunsill. Qaltlu ukoll li imbaghad sussegwentement dawn l-ammonti kienu jigu depozitati l-bank minn zewg kunsilliera jew impjegati tal-Kunsill u qalet li generalment kien ikun is-sindku u xi clerk. Xi jumejn jew tlett ijiem wara spjegat li l-Kunsill kien jircievi *deposit slip* mill-bank kif ukoll *reconciliation sheet* iffirmata ukoll, ittimbrata mill-bank u dawn kienu jitpoggew f'file apposta. Qalet li hija dejjem ghaddiet il-flejjes skond il-procedura indikata minnha. Qalet li ma kienitx f'posizzjoni tispjega kif certu permessi qatt ma dehru fid-*deposit slips* rispettivi . Qal li huwa ma sabx id-*deposit slips* kollha fejn hemm indikati li dahlu flus il-bank. Mistoqsija kif hija irceviet xi flus li ma humiex imnizzlin fid-*deposit slips* l-imputata ma tatu l-ebda twegiba.

Mistoqsija dwar l-allegazzjoni tal-Kunsill li kien hemm total ta' LM480.80 li l-Kunsill kien allegatament ircieva dwar il-permessi ta' Gwardjani Lokali tghid li hija dejjem poggiet il-flus fis-safe tal-Kunsill u hafna drabi fil-presenza tal-clerk Sandra Grech li kellha access ghal pin number ta' dan is-safe flimkien mas-sindku u s-Segretarju Esekuttiv.

Qalet li hija kellha dejjem tikkompila l-lista u hekk kienet taghmel, tikteb fuq l-envelope u tghaddihom fis-safe. Pero' x'kien jigri wara ma tafx. Qal li irrizultalu li ma kien hemm l-ebda *hand over* fil-Kunsill u ghalhekk qatt ma seta' jinghad b'certezza li l-flus li gabret l-imputata qattx gew depozitati fis-safe tal-bank sabiex jigu depozitati il'quddiem il-bank. Jghid li s-sindku u s-Segretarju Esekuttiv ikkonfermalu dan il-fatt ukoll meta kien iltaqa' maghhom fl-14 ta' Awwissu 2007. Ikkonferma li l-imputata ma kellhiex access ghas-safe kif

kellu s-Sindku u s-Segretarju Esekuttiv.  Ix-xhud jghid li l-imputata fit-tieni interrogazzjoni li nzammet nhar id-29 t'Awwissu, 2007 regghet innegat dawn l-irregolaritajiet u cioe' li hija kellha b'xi mod taqsam maghhom.

L-imputata kkonfermatlu li hija qatt ma kienet irceviet id-*deposit slip* mill-bank dwar id-deposit li kellu ikun hemm dwar is-somma ta' LM480.80 li kienet poggiet fis-safe u meta giet mistoqsija mix-xhud ghaliex ma kienet ghamlet xejn dwar dan baqghet siekta.

**Maryrose Camilleri** xehdet nhar it-13 ta' Gunju, 2008 u dan wara li spjegat li hija tokkupa l-kariga ta' Segretarja Esekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u li kienet ilha tokkupa dik il-kariga ghal zmien sentejn. Hija tghid li kienet taf lill-imputata u dan peress li kienet tokkupa l-kariga ta' skrivana fl-istess Kunsill Lokali maghha. Qalet li l-imputata kienet inkarigata li tohrog il-permessi tal-cranes u tordna is-servizz tal-Gwardjani Lokali jekk ikun hemm bzonn apparti xi xoghol amministrattiv li kienet taghmel fl-ufficcju taghha.

Tghid li hija konxja tar-rapport li l-Kunsill ghamel lill-pulizija fil-konfront taghha. Qalet li darba minnhom l-imputata ma dahlitx ghax-xoghol u hija kellha bzonn tfittex xi dokumenti u mistoqsija x'kienu qed jghamlu c-cekkijiet fil-kexxun taghha f'Gunju 2007 tghidli kienu gew ritornati lura lilha mill-bank.  Spjega li dawn ic-cekkijiet kienu jirrigwardaw iz-zmien bejn Novembru u Jannar 2007. Qal li pero' mill-investigazzjoni li ghamel mal-bank ma rrizultalux li dawn ic-cekkijiet qatt gew depozitati l-bank.  Qal pero' li fl-ebda hin ma qed jghid li kienet hi li hadet ic-cekkijiet. ( fol. 15).  Fil-fatt stqarr li kien cekk wiehed biss li kellu fuqu '*return to drawer'*  u fil-fatt dan l-istess cheque kien ukoll imnizzel u indikat fir-*reconciliation list.*

L-Ispettur stqarr li l-imputata qaltlu li kien hemm persuna ohra li kienet tircievi l-flus, certu Sandra Grech il-*clerk* u ghalhekk kien hass il-htiega li jinvestiga lilha ukoll.  Din ikkonfermatlu li kien hemm zmien meta verament kienet tircievi l-flejjes hi ukoll specjalment is-Sibt meta kienet tidhol wahedha u qaltlu li hi ukoll kienet taghmel ir-reconciliation u tpoggihom f'envelope fl-ahhar tal-gurnata u wara kienet tghaddihom lill-

imputata li kienet responsabbli u gieli lil xi *clerk* iehor li kien responsabbli f'xi zminijiet differenti.

Pero' kif qaltlu l-imputata stess meta Sandra kienet tircievi xi flus kienet tivverfika l-flus bir-*reconciliation sheet* u dan sabiex taccerta ruhha li tkun qed tircievi l-ammonti imsemmija fix-*sheet*. Ghalhekk qablet li l-ammont li kienet tircievi Sandra Grech kienu l-istess ammonti li kienet tircievi hi wara minghandha. Ghalhekk jghid li fl-investigazzjoni li zamm irrizultalu li l-Kunsill dahhal is-somma ta' madwar LM900 li kienu dovuti lil The Guard & Warden House Limited pero' dawn qatt ma gew mghoddija lilha.

Ix-xhud tghid li l-imputata ammettiet mieghu li kienet irceviet din is-somma flus ta' LM900 ghaliex gharfet il-firma taghha fuq il-*job sheet*. Ix-xhud ipprezenta t-tlett stqarrijiet rilaxxjati mill-imputata li gew immarkati bhala Dok AG3, AG4 u AG5 ripettivament.

Qabdet u fittxet fl-iskrivanija ta' l-imputata u hemmhekk rat zewg cekkijiet li kienu datati Jannar 2007. Hija ghalhekk kienet gibdet l-attenzjoni tas-Sindku Paul Bugeja dwar dak li kienet sabet fl-iskrivanija ta' l-imputata. Ix-xhud spjegat li dawn ic-cekkijiet kienu flus dovuti lil Gwardjani Lokali ghal xi servizz rez minnhom. Qalet li hija mbghad fuq struzzjoni moghtija lilha mis-sindku staqsiet lil Gwardjani Lokali jekk kellhomx xi pendenzi ohra u huma wiegbuha fl-affermattiv u s-sindku kien innomina Bord sabiex jinvestiga dan l-ilment pero' r-rizultat kien wiehed inkonklussiv u kien ghalhekk li ghaddew il-kaz lill-pulizija. Pero' sa dak il-hin ghamlu ezercizzju mal-Gwardjani biex jaraw x'kien hemm pendenti. Ikkonfemat li l-ammonti li kienu dovuti lilhom kien fl-ammont ta' LM800 u fil-fatt esebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok MRC li huwa l-ezercizzju li ghamlu mar-rapprezentanti tal-Gwardjan Lokali.

Spjegat li fix-xahar ta' Dicembru 2006, hemm talbiet li kienu saru ghall-uzu tal-wardens li gew mghoddija lil wardens u qalet li bhala procedura din il-lista ma tintbaghtx lil wardens kemm il-darba l-iskrivana ma tircevix il-hlas a priori. Huma jaghtu serial number ghal dan is-

servizz u l-wardens jaghtu *job number* ghall-istess servizz li jkunu ser jaghtu. Ikun hemm imnizzel *break down* tat-tip ta' xoghol li jkun gie rikjest. Ikkonfermat li bejn Marzu 2006 u Frar 2007 kienet l-imputata li kienet tircievi l-flus ghal permessi li kien johrog il-Kunsill. Spjegat li jkun hemm tlett kopji tal-listi ta' servizzi li jkunu intalbu, wahda tinzamm mill-Kunsill u l-ohra mill-Wardens u l -ahhar wahda mill-kuntrattur stess. Ikkonfermat li meta l-iskrivana tircievi xi flus ghal xi servizz li ser jinghata mill-Warden, hija tpoggi dawn il-flus fis-safe tal-Kunsill stess kemm jekk ikunu kontanti kemm jekk ikunu cekkijiet. Ikkonfermat li l-imputata ma kellhiex il-*pin code* tas-safe u ghalhekk hija kellha titla' maghha biex taghmel id-deposit fis-safe. Meta mbaghad l-imputata ser taghmel xi deposit, timla' r *reconciliation sheet* u din tkun fiha l-informazzjoni kollha li tinkludi s-*serial number*, l-ammont dovut u s-servizz li jkun inghata flimkien ma din ir-*reconciliation* ikun hemm ukoll il-flus li jkunu ser jigu depozitati u dawn jitpoggew go envelope li jittiehdu l-bank. Il-bank imbaghad wara li jircievi l-flus jaghmel timbru fuq ir-*reconciliation* u jghatihom ricevuta li tintuza bhala prova li sar id-deposit u tigi "fajljata" fejn suppost.

Qalet li fil-perijodu ta' madwar Jannar u Frar, 2007 l-ammont li kellu jithallas mill-kuntratturi ghas-servizz ta' Wardens kien ta' LM480.80 u mill-verifiki li ghamlu irrizultalhom li dawn il-flejjes kienu gew imhalsa mill-kuntratturi pero' qatt ma kienu gew depozitati l-bank. Qalet li *reconciliation* ghal dawn ix-xaghrejn ma kienx hemm lanqas. Qalet li tfittxija fis-safe kif ukoll fil-Kunsill Lokali ghamlet ghal dawn il-flejjes pero' ma sabithomx.

Ix-xhud kompliet tixhed fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2008 u pprezentat *deposit slips* ta' flejjes tal-Gwardjani Lokali li gew migbura minghand l-imputata u dan ghal perijodu bejn Marzu 2006 sa Frar 2007. Qalet li dawn ir-*reconcilation sheets* immarkati bhala Dok MRC2 kienu isiru mill-iskrivana imputata.

Ikkonfermat li t-total imsemmi fir-*reconciliation sheet* immarkat bhala Dok MRC 2 jaqbel ma l-ammont li gie depozitat il-bank. Pero' fir-rigward tar-*reconciliation* MRC 1 ma rrizultax li l-flejjes qatt gew depozitati l-bank u lanqas *deposit slips* ma qatt sabu.

**Paul Bugeja**, is- Sindku tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar xehed nhar it-8 ta Lulju, 2008 u kkonferma li huwa kien is-Sindku mis-sena 1998 sas-sena 2008. Ikkonferma li fis-sena 2007 il-Kunsill ta' San Pawl il-Bahar kien ipprezenta rapport lill-pulizija esekuttiva peress li s-Segretarja Maryrose Camilleri kienet ghaddietlu zewg cekkijiet li kienu nstabu fl-iskrivanija tal-imputata. Ikkonferma li dawn ic-cekkijiet kienu jghajtu lil Gwardjani Lokali pero' kienu fil-pussess tal-imputata. Qal li meta staqsa lil Maryrose x'kienu dawk il-flejjes qalet li ma kienitx taf pero' ziedet tghidlu li c-cekkjiet kellhom dati antiki fuqhom.

Huwa ghalhekk ghamel il-verifiki tieghu mal-Gwardjani Lokali sabiex jara x'pendenzi kien hemm u x-xhud jghid li kien hemm hafna. Huwa ghalhekk ressaq dan l-ilment quddiem il-Kumitat u kien gie deciz li jinhatar Board sabiex jinvestiga din il-lanjanza. Qal li hatar Bord li kien maghmul minn John Brey, Mario Camilleri u Raymond Tabone pero' jghid li minkejja li kienu iltaqghu ma kienu waslu ghall-ebda konkluzjoni. Ghalhekk kien kiteb lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija. Qal li s-sinjura Camilleri kienet qaltlu li l-imputata kienet halliet ic-cekkijiet fl-iskrivanija taghha pero' kienet ser tidddepozita dawn il-flejjes. Spjega illi meta l-imputata tkun *on leave* u l-Kunsill jircievi xi flus dawn jigu mghotija lilha xorta ghaliex hija kienet responsabbli sabiex tohrog ir-*reconciliation*. Ikkonferma li kien xoghol l-imputata li taghmel ir-*reconciliations* tal-flejjes li kienu dovuti lil Gwardjani Lokali pero' ma kienx ir-responsabbilita' taghha li tiehu l-flejjes il-bank.

**Ebony Jade Camilleri** xehdet in rapprezentanza ta' The Guard and Warden House Ltd u spjegat li tokkupa l-kariga ta' personal assistant to the General Manager. Qalet li fil-perijodu ta' Marzu 2007 hija kienet tokkupa l-kariga ta' clerk ma l-istess kumpanija maghrufa bhala Local Traffic Enforcement Company. Spjegat illi huma ikollhom rikjesti mill-Kunsill Lokali

biex jipprovdu wardens sabiex ikunu ghassa mal-krejnijiet li jkunu qed jintuzaw fit-toroq. Spjegat li min ikollu bzonn tali assistenza ta' warden imur fil- Kunsill Lokali u jimla l-formula ta' *requisition* u cioe' bhala dik esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok MRC1. Dak il-hin tar-rikjesta dak li jkun ihallas ghal dan is-servizz li jkun ser jinghata. Tghid imbaghad li jircievu fax minghand il-Kunsill u jdahluha fis- sistema taghhom u dakinhar jipprovdu s-servizz. Ikkonfermat li l-Kunsill ta' San Pawl il- Bahar ikollu diversi rikjesti ghall-uzu ta' Gwardjan minhabba l-krejnijiet li hemm fit- toroq. Bhala prassi tghid li l-Kunsill ta' San Pawl il-Bahar kien jghamel id-*deposit* lilha xi darba jew darbtejn fil-gimgha. Wara, l-Kunsill jibghatilhom *break down* tas-servizz kif ukoll kopja tal-*pay slips*.

Qalet li fil-files taghhom ikollhom il-*pending requests* fejn ma jkunux ircievu minghadd il-Kunsill il-*pay slips* relattivi u ghalhekk hija ikollha tigri wara l-Kunsill ghaliex ghalihom dan ifiser *no payment*. Qalet li fir-rigward tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar kien hemm diversi *pay slips* li ma kienux intbaghtu lilha fil-perijodu ta' Marzu 2007 u x-xhur ta' qabel. Dak iz zmien il-*contact person* kienet l-imputata odjerna ghalkemm qatt ma kienet iltaqghet maghha u l-kuntatt taghha maghha kien biss telefonikament. Taf li kien hemm ukoll xi *job sheets* fejn kienu taw servizz pero' ma kienux ghadhom thalsu tieghu.

Illi nhar l-14 ta' Ottubru, 2009 ix-xhud regghet xehdet u kkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizulta li l-ammont ta' flus li The Guadian and Wardens House Limited ma rcevewx ghas-servizz li jghatu jammonta ghal LM944.05 ekwivalenti ghal €2,199.04 u waslet ghal dan l-ammont skond id-dokumentazzjoni esebita minnha fl-atti u mmarkat bhala Dok CJE1.

**John Bray** xehed nhar il-21 ta' Awwissu 2008, u kkonferma li kien jokkupa l-kariga ta' vici sindku fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u dan fil-perijodu tas-sena 2007. Qal li huwa kien membru tal-Bord tal-Inkjesta li kienet giet kostitwita sabiex jinvestigaw l-kwistjoni fejn kienu instabu zewg cekkijiet fil-kexxun ta' l-iskrivanija tal-imputata li gharaf prezenti fl-awla. Qal li huma ghalhekk investigaw ix-*sheets* li ntbaghtu lil Kunsill mis-socjeta' The Guard and Warden House Limited fir-rigward ta' hlasijiet u depositi li saru ta' cekkijiet dwar

hlas ta' servizz li intalbu jghatu mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar bl-uzu ta' gwardjani.

Qal li meta bdew jinvestigaw il-pendenza rrizultalhom li hafna mir-rikjesti ma kellhomx *serial number* u kien hemm dokumentazzjoni li kellha firem nieqsa ta' l-iskrivana li kellha taghmel id-deposits. Kien hemm divesi dokumenti b'firem neqsin. Huma investigaw il-perijodu ta' bejn Ottubru 2006 u Marzu 2007. Kienu sahanstira anke baghtu ghall-imputata u kelmuha u din qaltilhom li c-cekkijiet li kienu instabu fil-kexxun taghha ma kienitx taf bihom. Qaltilhom ukoll li kienet tpoggi l-flus fis-safe pero' mhux hi kienet tghamlu dan ghaliex ma kellhiex access ghas-safe.  Huwa pprezenta r rapport taghhom tal-Bord tal-Inkjesta li gie mmarkat bhala Dok JBK 1.

**Mario Camilleri** xehed nhar il-21 ta' Awwissu 2008, u kkonferma li kien gie mahtur bhala membru tal-Bord ta' l-inkjesta mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar flimkien ma kollegi tieghu John Bray u Raymond Tabone. Huma kellhom jghamlu investigazzjoni dwar iz-zewg cekkijiet li allegatament intsabu fil-kexxun tal-iskrivanija ta' l-imputata, liema sejba saret minn Maryrose Camilleri meta l-imputata kienet *on leave* u ghalhekk l-istharrig taghhom kien ser ikun bejn Novembru 2006 u Marzu 2007. Huwa kkonferma li r-rapport tal-Bord huwa dak esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok JBK1.

**Raymond Tabone** xehed u kkonferma li hu ukoll kien membru fil-Bord tal-inkjesta mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar flimkien mal-kollegi tieghu Mario Camilleri u John Bray u kellhom jghamlu l-verifiki taghhom dwar zewg cekkijiet li nstabu fil-kexxun tal-iskrivanija tal-imputata waqt li l-istesss imputata ma kienitx xoghol.  Skond id- direzzjoni moghtija lilhom mis-Sindku huma kellhom jghamlu l-verifiki taghhom ghall-perijodu ta' Novembru 2006 u Marzu 2007.

Qal li beda jirrizultalhom li s-sistema ta' kif kienu jinzammu d-dokumenti fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar kien wiehed disorganizzat ghall-ahhar. Kien hemm dokumentazzjoni li

kellha *serial numbers* neqsin u dokumenti ohra li ma kellhomx firem fuqhom u ohrajn li kellhom l-ammont neqsin. Qal li huwa kien ta' l-opinoni li jigu nfurmati l-pulizija dwar dak li rrizultalhom u anke' l-Awtoritajiet tal-Gvern Lokali.

Ix-xhud jghid li meta s-Segretarja Maryrose Camilleri tathom iz-zewg cekkijiet huwa kien staqsiha fejn kienu u din wegbitu li kienu f'kexxun fl-iskrivanija tal-imputata u meta giet mistoqsija min kellu access ghal dan il-kexxun wiegbet li kulhadd inkluz is-Sindku. Naturalment bil-kelma '*kulhadd*' riedet tfisser il-haddiema kollha tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar.

Spjega li cavetta ghas-safe ghall-perijodu Novembru 2006 sa Marzu 2007 kellhom biss is-Sindku, is-Segretarja Esekuttiva Maryrose Camilleri u skrivana certu Sandra. Ikkonferma li l-imputata ma kellhiex cavetta tas-safe. Jghid li huwa kien staqsa lil Maryrose Camilleri jekk setax kien il-kaz li kien hemm xi hadd li pogga dawn iz-zewg cekkijiet fil-kexxun taghha, jghid li s-sinjorina Camilleri ma tatu l-ebda risposta.

**PC 243 Dexter Cutajar** ikkonferma li huwa kien prezenti meta l-imputata rrilaxxjat l-istqarrija taghha mmarkata bhala Dok AG5 u kkonferma li din giet rilaxxjata b'mod volontarju.

**Mario Zarb** xehed ghan-nom u in rappresentanza tal-Bank of Valletta fil-kapacita' tieghu ta' Manager tal-Branch ta' San Pawl il-Bahar.  Ikkonferma li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar ghandu xoghol bankarju mal-branka gewwa San Pawl il-Bahar fejn huwa manager. Huwa gie mitlub sabiex jghamel il-verifiki tieghu rigward cekk numru 482 ta' l-HSBC b'account number 391057210001 li kien ghall-ammont ta' LM27.20 u kkonferma li dan kien gie depozitat fil-branch minnu rappresentat fis-27 ta' Gunju 2007. Ma irrizultalux li kien sar xi tentattiv li jigi depozitat qabel din id-data. Rigward ic-cekk ukoll tal- HSBC bin-numru 1569 account number 73024432001 dan ukoll gie depozitat fil-branch minnu rapprezentata

fis-27 ta' Gunju 2007 u c-cekk kien fl-ammont ta' LM6.80 u ukoll ma rrizultalux li kien hemm xi tentattiv sabiex jigi depozitat qabel din d-data.

Fir-rigward tac-cekk tal-HSBC numru 1444 dan kien fl-ammont ta' LM 20.40 u dan gie prezentat fl-istess jum tas-27 ta' Gunju, 2007 u ma kienx giep prezentat qabel lil bank.

Fir-rigward ta' cekk iehor din id-darba tal-BOV numru 88 account number 40013960207 dan gie depozitat fl-istess jum tas-27 ta' Gunju, 2007 u l-ammont kien ta' LM15.30 u ma kienx gie depozitat qabel din id-data.

Mistoqsi jekk il-Bank of Valletta qat talbet lil Kunsill Lokali ta' San Pawl il Bahar sabiex itiha *amended reconciliation sheet* ghall-perjodu ta' 2007, jghid li ma jidhirlux.

**Alfred Armeni** xehed nhar id-9 ta' Dicembru 2008, in rapprezentanza tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Jghid li meta bhala dipartiment kienu gew infurmati b'dan il-kaz kienu taw struzzjonijiet lis-sindku Paul Bugeja li jekk kien hemm xi flus nieqsa kellu jirraporta l-kaz lill-pulizija. Qal li dawn l-istruzzjonijiet kien harighom f'Gunju 2007.

**Sandra Grech** ikkonfermat li kienet ghamlet xi zmien tahdem bhala skrivana fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u kienet ilha tahdem hemm mis-sena 1997 pero' kienet harget bil-maternity minn Settembru 2008. Qalet xoghlha kien jikkonsisti billi tara l-*complaints* u tiehu hsieb ic-citazzjonijiet. Rigward ix-xoghol tal-permessi tal-Gwardjani Lokali dan ma kienx kompitu taghha ghaliex ma kienux jahdmu b'skrivana wahda pero' nhar ta' Sibt tghid li kienet tipprocessa dawk l-applikazzjonijiet sabiex imbaghad l-iskrivana l-ohra ssibhom lesti. Mistoqsija jekk tafx lill-imputata, tghid li tafha bhala kollega fuq ix-xoghol u li kienet tiehu hsieb il-processar tal-applikazzjonijiet tal-Gwardjani Lokali.

Meta kienet taghmel dan it-tip ta' xoghol nhar ta' Sibt tghid li kienet tircievi l-flus tpoggihom go *envelope* mbaghad nhar ta' Tnejn ta' wara kienet tghaddihom lis-skrivana li

kienet tiehu hsieb dan ix-xoghol. Wara li tivverifika li l-ammonti jkunu korretti din l-iskrivana tiehodhom minghandha. Ikkonfermat li hija kellha access ghas-safe flimkien mas-Sindku u mal-vici Sindku. Qalet li gieli hadet xi flus tal-Gwardjani Lokali l-Bank u kienet tghaddihom lil xi kaxxier pero' kien hemm impjegati ohra li kienu jghamlu hekk ukoll. Il-kompitu taghha kien li tircievi flus rigward ic-citazzjonijiet hlasijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-hlas tal-VAT u permessi tal-hwienet. Mistoqsija jekk qattx giet informata li kien hemm xi flus li kienet gabret minghand il-Gwardjani Lokali li kienu neqsin tghid li ma tafx b'dan. Ikkonfermat li pero' r-*reconciliation* tal-flejjes li ghandhom x'jaqsmu mas-servizz moghti mill-Gwardjani kienet tiehu hsiebu l-imputata.

**PS 474 Norbert Said** spjega li f'Settembru 2007 kien ghamel kuntatt telefonikament ma diversi persuni li kienu applikaw ghas-servizz ta' warden mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u kien staqsihom kif kienu halsu ghal dan is-servizz u kien hemm hafna minnhom li qalu li kienu halsu permezz ta' *cash*, erbgha minnhom kienu halsu permezz ta' *cheques* u dawn ma gewx imsarfa waqt li kien hemm sitt persuni ohra li ma ftakrux kif kienu halsu. Huwa pprezenta l-applikazzjonijiet li fuqhom kien kiteb kif kienu halsu dawn in-nies li kien cempel u dawn gew immarkati bhala Dok NSP 1. Muri d-dokument AG3 esebit fl-atti jikkonferma li hija l-istqarrija li giet rilaxxjata mill-imputata b'mod volontarju. Huwa gharaf ukoll l-istqarrija mmarkata bhala Dok AG4 esebita fl-atti.

**Perit Christopher Azzopardi** mistoqsi jekk jiftkarx li kien hemm xi cekk fl-ammont ta' LM20.40 illi ma ssarrfx jghid li ma jiftakarx. Bhala banek juza kemm l-HSBC kif ukoll il-BOV.

**Joanna Marie Shone Bridge** xehdet nhar l-14 ta' Ottubru, 2009 u spjegat li kienet ilha hawn Malta ghal ftit snin. Meta waslet Malta kienet dahlet fi skema dinjija u kienet assenjata mill-ETC mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar. Hija hadmet hemm mis-27 ta' Novembru, 2006 sal-1 ta' Dicembru, 2006. F'dan iz-zmien hija kellha xi xoghol minimu fl-ufficcju u

qalet li lanqas ma tiftakar lill-imputata bhala haddiema tal-Kunsill  u stqarret ukoll li lanqas tafha lill-imputata.

**Shawn Micallef** xehed li bejn Frar u Mejju 2007 huwa kien jahdem fl-iskeda tal-ETC u hadem ghall-perijodu ta' tlettax-il gimgha darbtejn fil-gimgha u gieli kien jahdem anke is-Sibt fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u dan bhala telephone operator. Mistoqsi jekk jafx lill-imputata, jghid li jiftakarha f'dan il-perijodu tahdem fil-Kunsill. Jaf li ghamlet xi zmien tahdem in konnessjoni mal-permessi dwar kiri ta' krejnijiet u ghamlet xi zmien tahdem fl-ufficcju.  Xoghol ta' permessi huwa qatt ma ghamel. Qal li apparti l-imputata jaf li kien hemm zewg persuni ohra li kienu jghamlu dan it-tip ta' xoghol bhall-imputata wahda jisimha Sandra u l-ohra Karen.

**Joseph Borg Cardona** xehed ghan-nom tal-Bank of Valletta u esebixxa statement rigward il-kont numru 40011624202 rigward il-perijodu ta' bejn Ottubru 2006 u Marzu 2007 u stqarr li dan il-kont jghajjat lil The Guard and Warden House Limited .

Il-Qorti diversament preseduta qrat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar id-29 ta' Ottubru, 2008(fol. 86) u fis-26 ta' Jannar 2010 (fol. 114) l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni  li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

**Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti b'digriet ta' Assenjazzjoni moghtija mill-Prim Imhallef Emeritus fis-26 ta' April 2014 u minn dak in-nhar l'hawn l-imputata ma dehritx il-Qorti peress li kienet qed tghix l-Ingilterra minhabba xi trattament mediku li kellha bzonn it-tifla taghha.  Kien biss meta l-Prosekuzzjoni pprezenta rikors ghar-riappuntament tal-kawza nhar id-19 ta' April, 2018 li l-imputata dehret quddiem din il-Qorti kif preseduta meta dakinhar stess fil-presenza ta' l-avukat difensur taghha rrimettiet ruhha ghall-atti processwali u talbet lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha**.

Illi nhar l-14 ta' Mejju, 2018 l-avukat difensur tal-imputata ezenta lil din il-Qorti kif preseduta mill-htiega li terga' tisma' x-xhieda mill-gdid minkejja li x-xhieda kollha f'din il-kawza ma xehdux quddiemha

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fl-istess seduta tal-14 ta' Mejju 2018.

Ikkunsidrat:

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputata huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini[1] fil-ktieb tieghu Diritto Penale:-

"*Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta' a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit*".

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata' b'verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[2]:

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'.

---

[1] Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890
[2] Deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[3], fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[4] tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.'*

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*."

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[5] fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta Dicembru, 1997
[4] Moghtija minn Lord Denning - 1974 - ALL Er 372
[5] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta Settembru 2002

ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**L-ghodda biex tiddeciedi**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi ghandu jaghzel is-sikrana mill-qamh. Kif se jaghmel dan?

Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti[6].

F'decizjoni tal-Qorti fil-kaz **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[7] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

*Din il- Qorti kellha okkazzjoni tisma' x-xhieda u ħlief forsi għal ftit eccitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' da l-ambjent izda jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi għar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, " zgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-kaz u jfakru lil xulxin x'gara dak inhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizzejjed biex ma "jikorregux il-verzjonijiet biex igibuhom*

6 Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius vs Anthony Vella et., deciz fil-25 ta April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti
7 Deciza mill-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta Jannar, 2007Appell Kriminali Numru. 115/2006

*jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkazzjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanz i x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku u huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*Id-decizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiggudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u tac -cirkostanzi kollha tal- kaz .*

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.  Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Provi ċirkostanzjali**

Illi fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Abdellah Berrad et</u>** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)[8] ingħad is-segwenti:

"*Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-*Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 *ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jew emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilta'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci*.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Jason Lee Borg et.[9],</u>** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**[10]: "*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

---

[8] Din l-istess Qorti nhar id-19 ta' Mejju 2014
[9] Deciza fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998
[10] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[11] b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved and other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference*".

Illi din hija eżattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**[12]**.**

Il-Qorti tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħall-katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** daħlet fil-fond dwar il-prova ċirkostanzjali u l-konklużjoni univoka, fejn ikkwotat il-ġurista Ingliż **Pollock C.B**:

[11] 1997 Edition Para 10-3
[12] Mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgħa (9) ta' Jannar 1998

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of*".

Il-Qorti ziedet tghid li "*biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. In oltre il-konklużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista' twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubju dwar l-univoċita' tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita'*".[13]

Huwa veru illi l-imputata m'ghandiex ghalfejn tipprova xejn u tista' tofri d-deposizzjoni jekk trid u minghajr ma tkun imgieghla. Imma la darba taghmel asserzjoni bhal dik allura jkun hemm shift tal-"*evidential burden*" fejn ikun mehtieg prova ta' dak li nghad biex tigi sostanzjata. Jekk dan ma jsirx, allura dik tibqa' biss allegazzjoni in arja w ma tistax titqies mill-Qorti.

Fil-kawza odjerna l-imputata ma xehditx u ma resqet lill-ebda xhud ghad-difiza taghha, strahet biss fuq il-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni apparti t-tlett stqarrijiet Dok AG 3 AG 4

[13] Qorti ta l-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Michael Mallia) Il-**Pulizija (James Grech) vs Cyrus Engerer** deċiża 08 ta Mejju 2014

u AG 5 li kienet irrilaxxjat a tempo vergine tal-investigazzjoni meta ma kienitx moghtija d-dritt ta' assistenza legali.

Fil-fatt sa dan l-istadju l-imputata kien inghatat it-twissija kif kontemplata fl-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali u mhux skond id-Direttiva 48/2013 EU kif adoperata fil-Kodici penali taghna fl-Artikolu 355AU li jipprovdi s-segwenti:

(1)"*Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħallih jeżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha access għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:(a) qabel ma tkun interrogata' mill-Pulizija Eżekuttiva jewminn awtorità oħra għall-infurzar ta'l-liġi jew awtoritàġudizzjarja fir-rigward ta't-twettiq ta reat kriminali*".

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghall-gurisprudenza dwar nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju ta' qabel ir-rilaxx ta' stqarrija, peress li l-materja hija simili hafna ghall-kwistjoni li ghandha quddiemha llum billi din tirrigwarda nuqqas ta' assistenza legali qabel ma l-Ufficcjal Prosekutur beda bit-tehid ta' l-istqarrija ta' l-imputata meta in effetti l-Ispettur kien baghat ghall-imputata sabiex jinvestigaha fuq investigazzjoni dwar rapport li kien ircieva mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Frar, 2017 fil-kawza fl-ismijiet **Dominic Camilleri vs Avukat Generali.**

Hemm saret rassenja ta' gurisprudenza relatata mal-kwistjoni dwar jekk stqarrija mehuda minghajr ma jkun inghata dritt ta' assistenza ta' konsulent legali qabel ma tkun rilaxxjata l-istqarrija tammontax ghal lezjoni tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq. Fiha kienu rapportati numru ta' sentenzi: Il-Pulizija (Spt Victor Aquilina) vs Mark Lombardi (Referenza

Kostituzzjonali Nru 34/2009 li kienet saret fl-ambitu tal-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt Victor Aquilina) vs Mark Lombardi**") ; **Il-Pulizija (Supt. Norbert Ciappara) v. Esron Pullicino** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Frar, 2010 u mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April 2011; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Vella** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Novembru, 2011; **Il-Pulizija (Spt Norbert Ciappara) v. Renald Baldacchino** moghtija fit-30 ta' Gunju, 2014 wara referenza li kienet saret mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-Appell deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Frar, 2015; **Malcolm Said vs Avukat Generali et** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Jannar, 2016 u mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Gunju, 2016; **Il-Pulizija vs Philip Borg et vs l-Avukat Generali et** moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Lulju, 2016; **Gordi Felice vs Avukat Generali** deciza fil-31 ta' Ottubru, 2016; u **Trevor Bonnici vs Avukat Generali** moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Novembru, 2016.

Hemm kien imfisser illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jirrikjedi illi jkun hemm dritt ghall-assistenza ta' Avukat bhala parti ntegrali mill-jedd ghal smigh xieraq.

Fil-fatt ir-restrizzjonijiet li hemm fid-disposizzjoni huma l-eccezzjoni mhux ir-regola.

Hemm kien addottat il-principju senjalat fil-kaz quddiem l-ECHR ta' **Borg vs Malta** fejn inghad kjarament illi jkun hemm lezjoni tal-Artikolu 6 meta stqarrija ssir minghajr assistenza legali, salv ghal kazi eccezzjonali.

Hemm ma tressqux provi li juru li kien hemm xi ragunijiet impellenti sabiex id-dritt ikun ristrett.

Ghalhekk kien hemm lezjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Fis-sentenza li tat fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri** fil-25 ta' Frar 2016, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) dahlet fil-fond tal-kwistjoni tal-legalita' tal-istqarrijiet. Il-Qorti mxiet fuq id-decizjoni tal-ECHR fil-kaz ta' **Mario Borg vs Malta** tat-12 ta' Jannar, 2016.

Dak li nghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza jimmerita li jkun riprodott ghall-fini ta' kompletezza :-

"*Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghall-ewwel impunjattiva imressqa `l quddiem mill-appellanti li tikkoncerna l-kwistjoni dwar l-ammissibbilita o meno tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija meta kien gie arrestat u interrogat lura fis-17 ta' April, 2002 u dan billi huwa ma giex moghti l-jedd ghal parir legali qabel gie interrogat. Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha qieset illi tali stqarrija kienet wahda ammissibbli billi l-appellanti ma kienx persuna vulnerabbli, kellu tletin sena, u li din ma kenitx l-ewwel darba li huwa xellef difrejgh mal-gustizzja u ghalhekk kellu esperjenzi precedenti ta' arrest u interrogazzjoni. Huwa kien gie moghti is-solita twissija vigenti f`dak iz-zmien fejn il-persuna arrestata ma kellhiex il-jedd la li tiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni u wisq inqas li tkun assistita minn avukat fil-waqt tal-interrogazzjoni innifisha. Illi fid-decizjoni taghha, l-Ewwel Qorti strahet fuq il-gwida kostituzzjonali li kienet giet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali permezz ta' decizjonijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali (08/10/2012), il-Pulizija vs Robert Busuttil (20/02/2014) u il-Pulizija vs Omar Psaila (20/06/2014). Illi l-appellanti madanakollu jaghmel referenza ghad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li huma kollha konsoni fil-konkluzjoni taghhom illi ikun hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni kull meta persuna arrestata u interrogata ma tkunx inghatat assistenza legali qabel ma tigi assoggettata ghall-interrogazzjoni fejn tista' tinkrimina ruhha.*

…

*Illi d-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza ewropeja mhux biss ghal jedd li ghalih hija intitolata*

*l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-qorti izda ukoll ghal hekk imsejjah pretrial stage u cioe` ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dina l-fehma ghalhekk tfisser illi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assistenza legali ghandu isib applikazzjoni anke fl-istadju tal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali tal-interrogazzjoni.*

Sabiex dana d-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji id-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna l-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.

Il-Qorti Kostituzzjonali, madanakollu kienet recentement ziedet linji gwida ohra ghal gudikant li ikollu f`idejh id-decizjoni dwar jekk ghandux jiehu kont ta' stqarrija tal-interrogat bhala prova in atti sabiex jasal ghal gudizzju tieghu. Gie deciz illi fuq kollox ghandu jittiehed kont tal-fattispecje ta' kull kaz fost ohrajn il-vulnerabbilita' tal-persuna li tkun qed tigi interrogata (fosthom l-eta', il-precedenti penali) l-jedd li l-persuna interrogata kellha biex tibqa` siekta u ma twegibx ghal dawk il-mistoqsijiet li jistghu jinkriminawh, l-inattivita' da parti ta' l-akkuzat milli jipprova jattakka l-validita' tal-istqarrija tieghu mill-bidu nett tal-proceduri, u xi provi ohra li jista jkun hemm fl-atti, fost ohrajn.

Illi f`decizjoni (**Mario Borg vs Malta** moghtija mill-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem gew affermati l-principji generali li ghandhom jigu segwiti mill-qrati meta inghad:

*"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self incrimination. These principles are particularly called for in the*

*case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.*

*The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a convictio., Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."*

Il-Qorti ddecidiet illi illum il-gurnata  l-ligi domestika tipprevedi d-dritt ghall-assistenza legali meta l-persuna suspettata tinsab fil-kustodja tal-pulizija u qed tigi interrogata anke jekk m'hiex taht arrest  u dan bl-introduzzjoni tad-Direttiva 48/2013 u l-Att LV tas-sena 2016 u jekk dan ma jigix osservat ikun  hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 :

"60. *The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, 24 October 2013; Brusco v. France, October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention*."

Illi gie deciz illi l-qrati m'ghandhomx jaghtu interpretazzjoni stretta tad-decizjoni **Salduz vs Turkey** kif sehh fil-kaz ta' Charles Steven Muscat fost ohrajn.

L-Imhallef Pinto De Albuquerque jghid hekk fl-opinjoni tieghu:

"*the interpretation of Salduz by the Constitutional Court of Malta is in breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". .... Be that as it may, in the light of the repetitive findings of violations of Article 6 § 3 (c) of the Convention by this Court, the Maltese Constitutional Court should correct its trajectory and return to its initial Convention-friendly interpretation of Salduz*."

Imbaghad fil-kawza **<u>Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine</u>** gie deciz: –

*"The Court reiterates the principles developed in its case-law, according to which the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, although not absolute, is one of the fundamental features of the notion of a fair trial. As a rule, access to a lawyer should be provided from the first time a suspect is questioned by the police, unless it can be demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were compelling reasons to restrict this right (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 55, 27 November 2008). The right to mount a defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police questioning without access to a lawyer are used for a conviction (ibid.). While a defendant in criminal proceedings may, under various circumstances, waive his right to legal representation, such a waiver may not run counter to any important public interest, must be unequivocally established, and must be attended by minimum safeguards commensurate with the waiver`s importance."*

Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b`mod sistematiku billi ma jkunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li jsehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f`dawk il-kazijiet estremi fejn ma jkun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f`dawn l-istqarrijiet. Jinghad li fil-kaz odjern hija l-imputata li ma nghatatx id-dritt li tikkonsulta ma avukat minkejja li l-Prosekuzzjoni kienet taf sa mill bidu nett ghal x'hiex riedet tinvestiga lill-imputata u kienet taf ezattament x'riedet tkun taf minghandha u ghalhekk stante li l-imputata ma nghatatx tali dritt ta' assistenza din il-Qorti ser tiskarta t-tlett stqarrijiet rilaxxjati minnha.

Bhala fatt jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi l-imputata kienet tahdem mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar ghal numru ta' snin u dan fil-kapacita' taghha ta' skrivana.
2. Illi fost id-doveri tax-xoghol taghha hija kienet responsabbli sabiex tigbor l-hlasijiet minghand in-nies meta jaghmlu rikjesta ghas-servizz ta' gwardjani lokali.
3. Illi hija mbaghad trid taghmel *reconciliation* ben il-flus li tircievi u s-servizz li titlob minghand The Guard and Service House Limited.
4. Illi pero' hija m'hiex responsabbli sabiex tpoggi l-flus fis-safe tal-Kunsill u access ghal dan is-safe m'ghandhiex.
5. Illi ma jirrizultax lanqas li kienet l-imputata li kienet tiddepozita l-flejjes il-bank.
6. Illi jidher mir-rapprezentant tal-The Guard and Service House Limited u cioe' mix-xhieda ta' Ebony Jade Camilleri li allegatament din is-socjeta' ma rceviet ghas-servizz li tat bil-provist tal-gwardjana s-somma ta' LM944.05 ekwivalenti ghal €2,199.04 u waslet ghal dan l-ammont skond id-dokumentazzjoni esebita minnha fl-atti u mmarkat bhala Dok CJE1.
7. Illi pero' jirrizulta li in effetti allegatament instabu fil-kexxun tal-iskrivanija tal-imputata zewg cekkijiet li kienu dovuti lil The Guard and Service House Limited li ma ssarfux.
8. Hadd mix-xhieda li xehed ma jghid li f'xi hin raw lil-imputata tiehu xi flejjes ghaliha li kienu destinati lis-sojceta' The Guard and Service House Limited.
9. Illi s-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar kien qabbad Bord tal-Inkjesta sabiex jinvestigaw l-allegazzjoni li ticcentra dwar is-sejba ta' dawn iz-zewg cekkijiet fil-kexxun ta' l-imputata pero' dan il-Bord ma wasal imkien anzi kkonferma li kien hemm disorganizazzjoni ta' kif kienu jinzammu d-dokumenti tal-Kunsill.

   Il-Bord ikkonkluda li kien hemm dokumenti bla firem u ohrajn bla ammonti u *reconciliation* tajba ma kienx qed isir.

**Kunsiderazzjoni legali dwar l-akkuzi**

Kif jirrizulta minn ezami tal-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali jidher li l-Avukat Generali akkuza lill-imputata bir-reat ta' misapproprjazzjoni indebita bl-aggravju taghha kif kontemplat fl-Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 minhabba n-natura tax-xoghol taghha.

Skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprazzjoni indebita' huma dawn li gejjin kif imfissra fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Concetta Charles** deciza fl-20 ta' Ottubru, 2011 :

1. "*Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit li s-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq. (Dan hu proprju dak li gara fil-kaz in desamina ghaliex il-konjugi Mallia taw is-somma ta' hamest elef lira maltin (LM5,000) b'mod volontarju lill-imputata ghalkemm skond ftehim esebit fl-atti.*
2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*
3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*
4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*
5. *Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita".*

Fuq dan il-punt il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'inhu pero', jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-A**rtikolu 293** tal-Kodici taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fiducja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara Crivellari dei reati contra la proprieta' – pg. 498; ediz. 1998).

Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu Elementi Iuris Criminali - (para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:-

"*il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa' contro i patti e contro la volonta' del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

**Carrara** fil-ktieb tieghu Diritto Penale taht it-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-

"*la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato*."

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija v Joseph Mifsud** deciza nhar it-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; **Il-Pulizija v Joseph Richmond et** deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; **Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u **Il-Pulizija v Emanuel Cassar** deciza nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.)

B'dan il-Qorti trid tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni *inter alia* meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati *in buona fede*.

Fil-fatt, **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347 jghid:

"*L'approprazione indebita' si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede*."

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sbatax ta' April, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Falzon**, dwar fiex jikkonsisti l-element formali ta' dan ir-reat u cioe li jikkonsisti fil-'*volontarieta' delle conversione con scienza della sua illegitimita' e del fine di lucro'* [Maino Op. Cit. p. 105].

Huwa minnu li hemm certi awturi bhal **Giovanni Giuffre'** li jghid li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett jinnewtralizza l-iskop ta' qligh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma [profitt li del resto m'ghandux ghalfejn ikun wiehed pekunarju]. Tali intenzjoni izda, jrid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq

l-isperanza tal-eventwali restituzzjoni. Tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet, timmanifesta ruhha fir-restituzzjoni effettiva w immedjata, li f'dan il-kaz ma sehhitx ghaliex lanqas ma gie provat li in effetti l-imputata hadet xi haga.

Il-Qorti tirrileva li m'hiex konvinta li in effetti verament kien hemm zewg cekkijiet fil-kexxun tal-imputata u dan qed tghidu a bazi tad-domandi li saru mill-membru tal-Bord Raymond Tabone kif mistqarra minnu u appuntu meta ex admissis jghid li "*meta s-Segretarja Maryrose Camilleri tathom iz zewg cekkijiet huwa kien staqsiha fejn kienu u din wegbitu li kienu f'kexxun fl-iskrivanija tal-imputata u meta giet mistoqsija min kellu access ghal dan il-kexxun wigbet li kulhadd inkluz is-Sindku. Naturalment bil-kelma 'kulhadd' ridet tfisser l-haddiema kollha tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar*".

Jghid ukoll li huwa kien staqsa lil Maryrose Camilleri jekk setax kien il-kaz li kien hemm xi hadd li pogga dawn iz-zewg cekkijiet fil-kexxun taghha, jghid li s-sinjorina Camilleri ma tatu l-ebda risposta.

Ghalhekk in vista ta' din ix-xhieda li ma gietx kontradetta minn had, il-Qorti ghandha ukoll id-dubbju taghha kemm fil-fatt dawn ic-cekkijiet verament kienu fil-pussess tal-imputata.

Din il-Qorti tikkonkludi billi ticcita mill-**Manuale di Diritto Penale** fejn jinghad li "*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).

Fil-kaz in desamina il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova la li l-imputata kienet fil-pussess attwali ta' xi somma flus li giet moghtija u fdata lilha bil-ghan li tintuza ghal skop partikolari. Il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi l-pussess effettiva

tal-imputata u l'animu li taghmel taghha xi flejjes li setghu gew fdati lilha in konnssjoni ma xogholha u li kienu ntuzaw b'mod differenti minnha.

L-Avukat Generali ukoll ghogbu jakkuza lill-imputata bir-reat ta' serq minn ufficcjal pubbliku kif dispost fl-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
127.(1) "*Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom ,jeħel, meta jinsab ħati…………….",*

Illi ghal prova ta' dan ir reat il-Prosekuzzjoni ghandha tipprova s-segwenti elementi:-

1. Li l-imputata hija ufficcjal jew impjegata pubblika.
2. Li ghal xi vantagg jew beneficcju taghha jew ta' haddiehor ghamlet uzu hazin minn flejjes, krediti jew dokumenti tal-Gvern jew tal-privat.
3. Jew serqet l-istess.
4. Liema titoli /oggetti jkunu gew fdati lilha minhabba l-kariga jew impieg taghha.

Fir-rigward it-tieni imputazzjoni ravvizata bl-Artikolu 127 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qalet hekk fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-<u>Pulizija vs Carmel Saliba[14]</u>**:
"*Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni.*
*Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa.*
*Kif jghid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" in as much as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private*

[14] Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex), Onor. Magistrat Dr Edwina Grima; 31.05.2012

*advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li jghid l-Imhallef Harding: "Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion*."

Kif ritenut fis-sentenza fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alexander Zammit et**.[15]: "*Wiehed mill-elementi tar-reat ta' storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta' l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt*."

Fis-sentenza **Il-Maesta tar-Re vs Guzeppi Fenech et**, il-Qorti Kriminali ddikjarat[16]:
*Illi gie deciz min din l-Qorti, komposta minn tlett Imhallfin, fil-kawza* "*Rex vs Brincat" deciza fis-6 ta' April, 1943, illi d-delitt ta' storn kontemplat fl-artikolu 125 tal-Kap.12……huwa specjali ghall-ufficjal jew impjegat publiku; u persuna li ma jkollhiex dik il-kwalita' anke jekk tghin lill-ufficjal pubbliku, ma tistax tigi akkuzata ta komplicita' taht dik id-disposizzjoni, ghaliex ikun qieghed jonqos element essenzjali ghal dik id-disposizzjoni, u cjoe il-kwalita' ta' ufficjal jew impejgat pubbliku li jkollu taht idejh il-haga stornata in forza ta' dak l-ufficju tieghu*.....

Illi fil-kaz "**Rex vs Victor Fava**" deciz ukoll minn din il-Qorti kollegjalment komposta fis-6 ta' Lulju, 1943 gie mantenut l-istess principju. U gie spjegat li f'kaz ta' reati simili, il-kwalita' ta' ufficjal pubbliku (u kwindi l-fatt li l-haga tkun fdata lilu minhabba l-kariga tieghu) ma ghandhiex bhala bazi l-facilitazzjoni ta' l-ezekuzzjoni tar-reat, imma l-vjolazzjoni ta' dover specjali inkombenti lill-Ufficjal Pubbliku (li jkollu l-haga fdata lilu) u ghalhekk bhala cirkustanza esklussivament personali ma hijiex kommunikabli.

---

[15] Deciza 13.03.1998, App. Krim

[16] Deciza 16.06.1950 per S.T.O. Sir George Borg, Onor. Dr A.J. Monta'naro Gauci, Onor. Dr. W. Harding. Kollezzjoni ta Decizjonijiet ta'l-Qrati Superjuri, Vol.XXXIVC.iv. fol.930

Fil-kaz in desamina ma jirrizulta minn imkien li in effetti l imputata kienet giet fdata b'xi dokumenti jew flejjes ta' terz u ghamlet uzu hazin minnhom ghad-detriment ta' haddiehor billi hadet xi vantagg fuqhom. Din l-akkuza ukoll ma hiex provata.

**Ghalhekk din il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 127, 293, 294, 310 (1) (b), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena.**

**Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera**

**Deputat Registratur**

.